# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 28 ta' Gunju, 2002**

**Appell Nru 108/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Benjamin Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Benjamin Muscat talli fil-15 ta' Jannar, 2001 ghall-habta tal-00.05am, bhala persuna li f'isimha ghandha licenzja tal-Pulizija sabiex tiggestixxi l-"Palazzo Pescatore" fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, daqq u/jew xort' ohra ppermetta id-daqq ta' muzika fl-imsemmi post wara l-11 pm minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; l-ewwel qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija, minbarra li taghti l-piena applikabbli ghar-reati, torbot lill-hati, jekk ikun hemm il-lok, li jnehhi l-inkonvenjent li bih saru l-kontravvenzjonijiet jew, skond ic-cirkostanzi, li jezegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti moghti lilu, kif jigi stabbilit mill-qorti u fin-nuqqas jehel piena ta' mhux izjed minn zewg liri ghall-kull gurnata li l-kontravvenzjonijiet ikomplu wara li jaghlaq iz-zmien moghti; il-qorti giet ukoll mitluba li, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir, jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi licenzja, permess jew awtorita` ohra mahruga mill-Gvern, wara li l-imputat jigi ddikjarat hati ta' dawn ir-reati kriminali li saru fl-ezercizzju jew dwar l-ezercizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xoghol iehor li ghalihom ikun hareg jew jista' jinhareg licenzja, permess jew awtorita` mill-Gvern, jew bl-uzu jew permezz ta' xi ghodda, vetturi jew oggetti jew kull haga ohra li tkun li biex tinzamm jew tintuza tkun inharget licenzja, permess jew awtorita` f'ismu, tordna li l-hati jkun skwalifikat milli jkollu jew jikseb, ghal dak iz-zmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dik il-licenzja, permess jew awtorita`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Benjamin Muscat hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni xi licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena mid-data data ta' dik is-sentenza;

Rat it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, debitament akkordata fit-23 ta' April, 2002; rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Benjamin Muscat, minnu ppresentat fis-6 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-lum, l-abbili prosekutur iddikjara li bhala fatt huwa jaqbel li l-Artikolu 321 tal-Kap. 10 citat mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha ma jikkontemplax is-sospensjoni jew skwalifika minn xi licenzja. Minn naha tieghu, l-appellant, permezz tal-abbili difensur Dott. Siegfried Borg Cole, illimita l-appell tieghu (in vista ta' dak dikjarat mill-prosekuzzjoni) ghall-aggravju dwar is-sospensjoni tal-licenzja, b'mod li ghalhekk l-appellant irtira l-aggravji l-ohra kollha. Il-partijiet qablu wkoll li l-appell jista' jibqa' ghas-sentenza.

Din il-Qorti taqbel kemm ma' l-appellant kif ukoll ma' l-Avukat Generali li r-referenza ghall-Artikolu 321 tal-Kap. 10 bhala l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu l-appellant (allura imputat) kien qed jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena, kienet zbaljata. Pero` tali referenza zbaljata ma ggibx in-nullita` tas-sentenza appellata. L-Artikolu 382 tal-Kap. 9 jirrikjedi li sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jkun fiha, *inter alia*, l-artikolu tal-ligi <u>li jikkontempla r-reat</u> u mhux l-artikolu tal-ligi li jikkontempla l-piena. Issa, is-sentenza kjarament tindika, fost artikoli ohra, l-Artikolu 338(gg) tal-Kap. 9 ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-imputazzjoni dwar id-daqq ta' muzika wara l-11.00 pm. Huwa car ukoll li bit-talba ghas-sospensjoni jew skwalifika tal-licenzja kif migjuba mill-Pulizija fic-citazzjoni, il-prosekuzzjoni kienet qed tinvoka l-Artikolu 30 tal-Kap. 9 li effettivament jaghti s-setgha lill-ewwel qorti li, fic-cirkostanzi kontemplati fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi Artikolu 30, tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja kif hemm imsemmi. Fi kliem iehor, l-ewwel qorti <u>kellha</u> s-setgha li tiskwalifika lill-appellant mill-licenzja dwar daqq ta' muzika; dak li gara kien semplicement li, evidentement bi zvista, il-Qorti tal-Magistrati ccitat artikolu tal-ligi flok iehor. Dan, pero`, kif inghad ma jgibx ghal xi nullita` tas-sentenza. Il-piena applikata – is-sospensjoni tal-licenzja – kienet wahda li l-ewwel qorti setghet legalment tinfliggi fic-cirkostanzi tal-kaz, u l-fatt li gie kkwotat artikolu b'iehor b'referenza ghall-piena (mhux ghall-fatti li jammontaw ghal reat) ma jgibx bhala konsegwenza li dik il-parti tas-sentenza fejn si tratta dwar is-sospensjoni tal-licenzja ghandha necessarjament tigi varjata. Lanqas ma tara din il-Qorti li l-periodu tas-sospensjoni kien b'xi mod eccessiv, kif lamentat fir-rikors ta' appell.

Ghall-motivi premessi, l-appell qed jigi respint u, salv dak li inghad hawn aktar 'l fuq dwar l-artikolu korrett tal-ligi, is-sentenza appellata qed tigi konfermata.